# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 10/2018

6 ta' Settembru, 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

10.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala kien bagħat e-mail illi ma kienx jiflaħ u li ser jibghat iċ-ċertifikat mediku aktar tard. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi rigward ref punt 9.2.7. Is-Sindku qal illi kien ser jagħti update fuq dan.

10.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 9.3.4 ma ssemmiex fejn ser jiġu l-bandalori u li dawn għandhom isiru f'Misraħ San Ġużepp.

10.2.3 Il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 9.8, dan il-punt għandu jerġa' jiġi diskuss aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel li naraw kif ser isir l-infurzar fuq il-ġbir tal-iskart.

10.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kif baqa' l-Kunsill fuq Triq San Tumas ref punt 9.2.1. Is-Sindku qal li kienet ser tiġi diskussa aktar tard.

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku qal illi kien reġa' tkellem mal-Kunsillier is-Sur Joe D'Amato sabiex isir jaf x'kienet id-deċiżjoni taż-Żurrieq ref punt 8.5.1. Is-Sindku qal li s-Sur d'Amato kkonferma verbalment illi l-Kunsill taż-Żurrieq qabel mal qlib tal-konfini imma s-Sindku qal illi l-Kunsill tagħna għandu jkollu konferma uffiċjali mid-Dipartiment sabiex il-quddiem ma jkunx hemm disgwit għal kunsilli futuri.

10.3.2 Is-Sindku qal illi kellu laqgħa ma persuna minn Infrastructure Malta u l-Kuntrattur u għandu konferma illi hekk kif jitlestew ix-xogħolijiet fit-triq mill-Bore Hole lejn Birżebbugia għandhom jibdew ix-xogħolijiet fi Triq l-isfel mill-Ġnien ta' Ball. Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-ilma fit-Triq li hemm l-isfel minn Ġnien ta' Ball u ħdejn il-Bore Hole.

10.3.4 Is-Sindku qal illi kien intlaħaq qbil fuq il-kera għan-night shelter u għalhekk jidher li wasal fit-tmiem il-qbil fuq in-night shelter.

10.3.5 Is-Sindku qal illi ċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Kirkop kellu jiftaħ nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru u l-Kunsilliera kollha kienu mistiedna.

10.3.6 Is-Sindku qal illi nhar is-7 ta' Settembru kellhom jerġgħu jibdew iż-żjarat tat-turisti u li kien ġie riżolt il-problema li kellna mal-organiser.

10.3.7 Is-Sindku qal illi kienet ħarġet tender sabiex jiġu asfaltati numru ta' toroq minn Transport Malta u li Triq il-Puniċi ser tkun waħda mit-toroq li għandha tkun asfaltata.

10.3.8 Is-Sindku qal li kellu meeting ma uffiċjal minn Transport Malta fuq il-liwja li hemm fi Triq il-Karwija għal Triq Bieb il-Ġarra u li din issa ġiet approvata. Is-Sindku qal illi tkellmu ukoll jekk Triq San Ġorg għandix tiġi One Way. Is-Sindku kkonferma illi l-uffiċjal ta' Transport Malta jaqbel illi l-istess triq tista' ssir One way minħabba li hemm parti dejqa u ssuġerixxa ukoll illi għandha tkun One Way for heavy vehicles. Il-Kunsill qabel unanimament

10.3.9 Is-Sindku qal illi kkuntatjatu persuna sabiex Triq it-Tellerit tiġi One Way għaliex sabiex iddur għal Triq in-Nassaba hemm liwja kerha. Il-Kunsill ma qabilx ma dan għaliex ix-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla waslu fit-tmiem u t-traffiku issa għandu jonqos.

10.3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva e-mail minn resident minn Ħal Safi illi qiegħed juri x-xewqa sabiex issir mera sabiex int u ħiereġ minn Triq il-Kenn għal Triq ta' Gawhar issir mera minħabba blind spot. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi hemm bżonn ta' mera u li għandna naraw eżatt fejn għandha teħel din il-mera sabiex tkun effettiva.

10.4 Tweġibiet għall-Mstoqsijiet tal-Kunsiliera

10.4 Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus qal illi filgħodu tal-linja jidher li hemm xi problemi għaliex l-karozzi tal-linja qiegħda jaslu Ħal Safi mimlijin allura jinħtieġ li forsi tiżdid tal-linja oħra.

10.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex ħadna r-reading tal-ilma fil-garaxx li għandna mikri u kemm hemm fond taħt il-ġibja li hemm f'Misraħ San Ġużepp.

10.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi nhar il-Ħadd 14 t'Ottubru ser ikun hawn il-Blood Donation Unit filwaqt li kienet ser tiġi organizzata ġurnata cannoeing

10.4.4 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa kif kienet qiegħda taħdem il-librerija fil-bandli. Is-Sindku qal illi l-librerija kienet qiegħda tintuża pero' jidher illi l-messaġġ li l-kotba jridu jerġgħu jitpoġġew lura għadu ma wasalx.

10.4.5 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa jekk konniex kellimna lil Polidano Brothers rigward Sqaq Ħannux. Huwa qal li kien iltaqa' ma wieħed minnhom li qallu li ser ikejjel l-isqaq u jtina stima. Is-Sindku kkonferma illi kien tkellem mal-Perit ukoll fuq dan l-istess xogħol.

10.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi madwar ir-raħal hawn diversi lokalitajiet fejn xi persuni qiegħdin jitimgħu lil qtates. Huwa qal illi mhux kontra illi nagħllfu l-annimali pero' jinħtieġ illi nidentifikaw lokalitajiet fejn wieħed għandu jagħmel dan għaliex ir-raħal intela' b'reċipjenti differenti sabiex isir dan. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel għandna nidentifikaw in-nies li jgħallfu sabiex inkellmuhom u nallokaw l-postijiet.

10.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal l-fanali kollha li għandna mar-raħal għandhom bżonn jitnaddfu u anki jinżebgħu għaliex kriehu.

European Mobility Week

Is-Sindku qassam l-programm lill-kunsilliera għal matul il-European Mobility week u spjega l-attivitajiet li kienu ser isiru għal waqt din il-ġimgħa.

Ftehim fuq is-Soft Areas

Is-Sindku qal illi flimkien mas-Sindku ta' Ħal Kirkop kienu ltaqgħu mal-kuntrattur tal-ELC sabiex jiddiskutu l-uniku kwotazzjoni li konna rċievejna. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur lest li jagħmel ix-xogħolijiet li identifikajna li huma tlett darbiet fjuri fis-sena fil-postijiet imsemmija, t-tisqija u l-pruning tas-siġar meta jkollna bżonn. Is-Sindku qal illi jissuġerixxi li nmorru għal dan l-agreement għaliex huwa qrib il-budget li nixtiequ nonfqu. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.7 Ittra mill-Avukat Dr. Franco Galea - Triq San Tumas

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat Franco Galea f'isem Dinbros Ltd. Is-Sindku qal illi kien qiegħed jissuġerixxi illi l-Kunsill ikellem Avukat sabiex jidderiġina fuq din il-kwistjoni. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema fosthom jekk il-Kunsill ghandux ihallas parti mill-kont favur il-partijiet li l-Kunsill jaqbel li huma tajbin. Il-Kunsill qabel illi s-Sindku għandu l-ewwel jmur għand l-avukat sabiex aħna nkunu koperti legalment u l-affarijiet ma jiġux kontrina.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet skużata mil-laqgħa fil 5.37pm

Proġett - Mobility of Individuals ġewwa Galicia, Spanja

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ta' Ħal Safi kien rebaħ proġett ieħor dak ta' Mobility of Individuals gewwa Galicia.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla rritornat għal laqgħa 5.39pm

Huwa qal li l-Kunsill għandu jibgħat żewġ rapreżentanti. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus flimkien mal-kunsillier Publio Abdilla ser jirrapreżentaw lil Kunsill f'dan il-proġett.

10.9 Extension tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi kien reġa' għadda ż-żmien sabiex issir l-extension tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

10.10 Riżenja tal-Librara

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva r-riżenja tal-Librara s-Sinjorina Żammit. Is-Sindku qal illi bħall-imgħoddi forsi jkun aħjar illi l-persuna li tieħu ħsieb il-librerija jkun impjegat tal-Kunsill u wieħed mill-iskrivani tal-Kunsill kien lest li jagħmel dan. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu t-taħriġ meħtieġ sabiex isir dan.

10.11 Proposti ta' Ismijiet ta' Toroq Ġodda.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kumitat għat-tismija ta' toroq ma kienx laqa' l-proposta tagħna nsemmu t-triq li tagħti l-isfel mill-Ġnien ta' Ball bħala Triq it-Torri ta' Gawhar. Hija qalet illi l-kumitat qiegħdin jiproponu li nsemmuha Triq it-Torri Ruman għaliex diġa' hawn triq imsemmija Triq ta' Gawhar, pero' il-Kunsill ma qabilx għaliex it-torri kulħadd jafu bħala t-Torri ta' Gawhar u bl-istess argument il-Kunsill qabel illi f'Ħal Safi hawn triq imsemmija bħala Triq il-Ħajt Ruman.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-triq minn Misraħ Ħlantun sal Borehole kien issuġerixxa li nsemmuha Triq San Anton u li l-Kumitat xtaqu jkunu jafu x'konnesjoni għandu dan l-isem mal-area. Il-Kunsilllier is-Sur Publio Abdilla qal illi hemm leġġenda li tgħid li kien hemm kappella iddedikata għal San Anton u anki l-area hija magħrufa bħala San Anton.

10.12 Relokazzjoni ta' Siġar fl-Area ta' Gawhar

Is-Sindku qal illi l-GHRC kellhom proġett ta' relokazzjoni ta' 24 sigra protetta u jekk jaqbel il-Kunsill kienu qiegħdin jiproponu li dawn is-siġar jiġu relokati fl-area ta' pero' bil- siġra

kundizzjoni illi nnaddfu l-area fejn ġejjin is-siġar, ndawruhom b'fence sabiex jiġu protetti u l-Kunsill irid isaqqi dawn is-siġar għal sentejn sakemm jaqbdu. Is-Sindku qal illi jekk xi siġra tmut minħabba neġliġenza allura l-Kunsill ikun obligat li jixtri oħra minflok. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel ma din ir-relokazzjoni tas-siġar.

10.13 Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza

10.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

10.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-6:15pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2018, fil-3:30pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv